**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 35**
***20 ta' Mejju 2015 fl-5:30p.m.***

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-5:30p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzati**

| | |
|---|---|
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |

Intqghalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 34 ma kienux lesti u ghalhekk ma gewx approvati.

2. **<u>Fiori d'Argenta 2015</u>**

Il-Kunsilliera prezenti qablu li issir spettaklu tad-dawl mal-faccata tal-Knisja. Il-Kunsilliera qablu li jintalbu quotations u tintghazel l-orhos wahda. Ser tigi progettata ukoll l-istorja tax-Xewkija. Il-Kunsill ser jitlob permess lil Arcipriet rigward dan. Il-Kunsill qabel ukoll li Il-Hadd filghodu 14 ta' Gunju isir loghob Giochi senza frontieri. Ser ikun hemm ukoll it-train li ser iddur postijiet storici madwar ix-Xewkija u ser ikun hemm George Azzopardi jghidilhom l-istorja. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit li wara t-train it-tfal jaghmlu crafts bit-tafal li ghandhom x'jaqsmu ukoll max-Xewkija. Is-Segretaja ser taghmel kuntatt ma Charlie Camilleri. Il-Kunsillier Domnic Zerafa issugerixxa li jkun hemm ukoll ghana li ghandha x'taqsam max-Xewkija.

3. **<u>Rezenja tal-Vici Sindku Dr Monica Vella</u>**

Is-Segretarja infurmat lil Kunsill li ircieviet ir-rezenja tal-Vici Sindku Dr Monica Vella minn Vici Sindku kif ukoll minn Kunsilliera peress li giet mahtura Magistrata. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera awgurawla tal-kariga gdida taghha u irringrazjawha tax-xoghol taghha fil-Kunsill matul is-snien. Huma awgurawla ukoll tat-twelid tat-tarbija taghha. Is-Segretarja infurmat lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, Il-Kummissjoni Elettorali u ohrajn koncernati rigward ir-rezenja taghha.

6. **<u>Affarijiet Oħra</u>**

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard infurmat lil Kunsill li hemm bzonn li jitnaddaf Gnien il-Haddiem. Is-Segretarja ser taghmel kuntatt mal-haddiema.

Il-Kunsillier Domnic Zerafa gibed l-attenzjoni li hemm bzonn jitnaddfu l-playing fields. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet ukoll li hemm bzonn jitnehha il-graffika li hemm fil-playing fields. Is-Segretarja ser taghmel kuntatt mal-haddiema.

Is-Sindku gibet l-attenzjoni li hu jaqbel li jitnehhew ir-recycling bins fi Triq Widnet il-Bahar peress li qed issir hafna abuzz. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard u Domenic Zerafa ma qablux ma dan. Il-Kunsillier George Zammit issugerixxa li

XEWKIJA

jkun hemm camera. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard u Domnic Zerafa qablu ma dan kif kienu issugerixxu huma ukoll f'laqghat ta' qabel.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit ukoll li jitrangaw it-twieqi, jsiru nets u l-hajt fil-librerija. Il-Kunsill qabel ma dan u s-Segretarja ser taghmel kuntatt man-nies koncernati.

Il-Kunsillier George Zammit issugerixxa li jerga ikun hemm id-dawl fil-playing field tal-Barmil peress li dan kellu jinqata habba vandalizmu fid-dawl. Hu issugerixxa li jsiru energy bulbs. Is-Sindku ser jaghmel kuntatt ma' l-Engineer u jitlob parrir fuq dan.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit li jsir fitness equipment fil-Playing field tal-Hamrija. Is-Segretarja ghandha titlob quotes fuq dawn.

.

## 6 Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa

Mill-korrispondenza

i. Ittra minghand MEUSAC dwar li l-kunsill ma giex mghazul fl-applikazjoni tat-town twinning.
ii. Stedina minghand l-Arcipriet dwar l-wasla ta' l-istatwa ta' San Gwann Battista
iii. Cirk 24/2015 dwar webcheck
iv. Ittra minghand Animal Guardians Malta dwar scan project
v. Ittra minghand Plant Health rigward pretezjoni tas-Sigwar waqt xogholijiet tat-toroq.
vi. Ittra minghand il-Ministeru ghal Ghawdex dwar Milied f'Ghawdex 2015
vii. Stedina minghand Xewkija Tigers Football Club ghal laqgha generali annwali
viii. Ittra minghand Plant health rigward palm li hemm marid fi Gnien il-Haddiem. Is-Segrtarja ser taghmel kuntatt man nies kuncernati biex dawn jitnehhew.
ix. Ftehim rigward skema attivitajiet sportive 2014/5

## 7. Kontijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

8. **Ilmenti u Suggerimenti**

Suggeriment minghand resident tal-Barmil rigward it-tapiti tal-playingfield biex jitrangaw. Dawn gew diskussi fl-ahhar laqgha u ser jitrangaw.

Suggeriment u firem minghand residenti fi Triq San Katarina rigward biex issir gate fi sqaq fi zmien il-festa. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

Ilment minghand resident fi Triq il-Bir tal-Francizi biex jitnaddaf il-gandott hdejn tieghu. Il-kunsill qabel ma dan u ser jitnaddaf.

9. **Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiccat fis-6:30p.m. Il-Laqgħa ta' Gunju ser issir fl-23 ta' Gunju fil-5:30pm.

Sue-Ellen Bugeja — Paul Azzopardi

Segretarju Eżekuttiv — Sindku